# Is-Sur Joseph Mifsud Matrenza

**Harry Zammit Cordina** President Onorarju

Fl-imgħoddi kien hawn min jgħid li aħna tal-Każin San Ġużepp konna każin tax-xjuħ, tal-anzjani. Illum ftit li xejn tara anzjani fil-każin tagħna u dan għaliex jew ħafna minnhom m'għadhomx magħna għax marru jingħaqdu mal-Mulej jew ukoll għax l-element żagħżugħ sab in-niċċa tiegħu fis-Soċjetà tagħna.

Dan, iżda, ma jfissirx li m'għadx hemm anzjani mimlija bl-għomor u mimlija wkoll b'dik l-imħabba kbira li kibret fihom għas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp.

Kieku kelli nagħżel wieħed minn dawn, għax fuq kollox jien ukoll naqa' f'din il-kategorija, żgur li x-xelta tiegħi tmur fuq is-Sur Joseph Mifsud Matrenza li ta' kuljum ma jonqosx li kull filgħaxija jagħti dik it-titwila ta' madwar siegħa jew ftit aktar lejn dik is-Soċjetà li nistgħu ngħidu li kważi ilu għal aktar minn tlett kwarti ta' seklu membru tagħha.

Iżda għal dawk li ma tantx huma midħla tal-każin tagħna, jkun tajjeb li nagħtu ftit ħjiel dwar dan Joseph Mifsud Matrenza.

Joe twieled fil-15 ta' Diċembru 1918 fid-dar Nru 113 Triq San Gejtanu, Ħamrun, liema dar għadu jgħix fiha. Huwa jgħid li twieled f'din id-dar u jrid imut fiha jekk ma jmutx fil-Każin San Ġużepp. Il-ġenituri tiegħu Anthony Mifsud u Karmena Matrenza kellhom b'kollox sebat'itfal, ħames subien u żewġt'ibniet. Huwa kien ir-raba' wieħed fost is-subien.

Joe (għax hekk inħobb nindirizzah jien) ħa l-edukazzjoni tiegħu fis-*Central School*, il-Belt Valletta minn fejn għadda biex isir għalliem. F'din il-karriera ta' għalliem Joe għadda 42 sena, kważi kollha għaddihom jgħallem il-Ħamrun iżda l-aħħar tlett snin tal-karriera tiegħu mar f'dik

l-iskola li llum iġġib l-isem ta' Dun Frans Camilleri fejn għamel l-aħħar tliet snin bħala assistent kap tal-iskola.

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, l-iskejjel kienu għalqu għal xi żmien. F'dak il-perjodu, diversi għalliema kienu ġew issekondati jew attaċċjati mal-*Protection Officers* u x-xogħol tagħhom kien jikkonsisti fit-tqassim tal-maskri tal-gass u jieħdu ħsieb ir-refuġjati billi jqassmuhom fi skejjel jew fl-istitut Fra Diegu biex ikunu akkomodati hemm. L-istess għalliema, qabel inqabdu bil-lieva, kien ikollhom ifittxu xi lokal biex jgħallmu ftit lezzjonijiet lil xi tfal. Normalment dan kien isir għal madwar sagħtejn u nofs filgħodu u l-istess ħin għal wara nofs inhar. Wieħed minn dawn il-postijiet fejn kien jingħata t-tagħlim kien appuntu l-Każin San Ġużepp.

Meta kellu 22 sena jew ftit aktar waqt li Malta kienet maħkuma mill-attakki mill-ajru fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, Joe Mifsud Matrenza inqabad bil-lieva u hawn narawh fir-*Royal Army Medical Corps (RAMC)* bejn l-1942 sal-1945 fejn spiċċa fir-rank ta' surġent. Il-ħidma tal-*RAMC*, kif jindika l-isem kienet mifruxa ma' kull fejn kien hemm l-imwiet u l-feruti u għalhekk Joe Mifsud Matrenza ta s-servizzi tiegħu f'diversi bnadi fejn kien ikun hemm il-ħtieġa.

Lura għat-tagħlim fl-iskola, Joe kien dilettant ħafna tal-isport għax fuq kollox kien anki jifforma parti mit-tim tal-*Under 18* tal-*Ħamrun United*. Wara l-gwerra kien reġa' waqqaf it-tim tal-*Ħamrun United* fil-każin, liema tim lagħab bejn l-1947 u l-1949 u sena wara għaqqad l-istess tim mal-*Ħamrun Spartans* li tagħhom serva bħala Viċi-President.

Forsi diversi huma dawk tal-età tiegħi li jiftakruh bħala Sports Master fl-iskola primarja u jiftakru wkoll meta fl-i*Sports Day* imsejħa *Empire Day*, taħt it-tmexxija tiegħu, il-*Ħamrun Boys School* konna nirbħu x-*Shield* għal diversi snin konsekuttivi.

Fl-1947, flimkien ma' oħrajn, Joe Mifsud Matrenza kien irriforma l-*Malta Union of Teachers*. Huwa kien serva għal erba' snin fil-Kunsill tagħha, liema *union* titqies bħala waħda mill-aktar antiki, jekk mhux l-aktar waħda antika fil-gżejjer Maltin.

Iżda wara dan kollu l-kurżità tiegħi kienet dwar kif kien li resaq lejn il-każin tagħna. Joe qalli li għall-habta tal-1938 flimkien ma' xi għalliema oħra fosthom is-Sur Joseph Cilia u s-Sur John Messina kienu jqattgħu xi ftit ħin il-kazin jilagħbu r-*rummy*. Il-ġibda lejn il-Każin San Ġużepp baqgħet fih anki wara l-gwerra u fl-1947 ġie elett fil-kumitat tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp.

Bħala bniedem ottimist u paċifist di natura Joseph Mifsud Matrenza, flimkien ma' Pawlu Debattista tal-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu u taħt it-tmexxija tal-Kappillan Dun Nerik Cordina Perez ħadem bis-sħiħ biex ir-rivalità bejn iż-żewġ għaqdiet mużikali tintemm u b'hekk naraw li fir-raba' ċentinarju mill-mewt tal-Qaddis tagħna l-Ħamruniżi San Gejtanu, wara l-ewforija ta' ċerta għaqda li kienet tirrenja mit-tmiem tal-gwerra, iż-żewġ baned daħlu jdoqqu għand xulxin. Fattur ieħor li għen għal dan il-għan kien ir-rebħ mill-*Ħamrun Spartans* taċ-*Championship* u l-*Cassar Cup* fl-istess sena.

Mill-1947 meta daħal għall-ewwel darba fil-kumitat ċentrali tal-każin, Joe baqa' jagħti l-kontribut tiegħu bħala membru tal-kumitat sal-1963. Matul dawn is-snin huwa serva f'diversi karigi bl-għola waħda tkun dik ta' viċi-president.

Minkejja li ma baqax fil-kumitat madankollu kien magħżul biex iservi f'diversi kummissjonijiet fosthom dik tal-*entertainment* u dik elettorali.

Meta fl-1964 is-Soċjetà kienet qed tfakkar is-75 sena mit-twaqqif tagħna Joe Mifsud Matrenza daħal biex jikteb l-istorja tas-Soċjetà. Naturalment



*Is-Sur Joseph Mifsud Matrenza*

dan kien jeħtieġ xogħol ta' paċenzja u ta' tiftix fil-minuti tal-laqgħat tal-kumitat, intervisti ma' diversi membri u tiftix ieħor fil-gazzetti fejn spiss kien imur il-Biblioteka għar-riċerki tiegħu.

L-istorja tas-Soċjetà għal dak l-anniversarju swiet biex Joe Mifsud Matrenza kompla fuqha għall-25 sena li ġew wara u hekk għall-ewwel ċentinarju tas-Soċjetà, fis-sena 1989, huwa rregalalna mill-ġdid l-istorja tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp. Il-kumitat ta' dik is-sena, immexxi minni wera l-apprezzament tiegħu għal dan ir-rigal billi ħatru bħala president onorarju.

Interessanti l-fatt li Joe Mifsud Matrenza jiftakar il-presidenti tas-Soċjetà kollha, għalkemm kif wieħed jifhem ma jafhomx kollha waqt il-kariga tagħhom. Wieħed mill-presidenti, is-Sur Anacleto Conti kien jirrakkuntalu dwar iż-żminijiet tal-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918). Kif ħafna minna jafu, f'dawk iż-żminijiet Malta kienet saret qisha sptar wieħed tant li kienet bdiet tissejjaħ *The Nurse of the Mediterranean.*

L-isptar Vincenzo Bugeja li kien jinsab 'l fuq, fi Triq il-Kbira San Ġuzepp kien mimli feruti tal-gwerra li kienu jinġiebu Malta mid-Dardanelli. Is-Sur Anacleto Conti kien jibgħat l-isptar *piccola banda* magħżula minn bandisti tas-Soċjetà biex jallegraw lis-suldati feruti. L-istess feruti kienu ġew meqjusa bħala *guest members* tal-każin u dawk rikoverati kienu spiss jgħaddu xi ħin fil-każin. Interessanti, jżid jgħid Joe Mifsud Matrenza, li wieħed minn dawk rikoverati li ġie l-każin kien Clement Atlee li eventwalment spiċċa biex laħaq Prim Ministru tar-Renju Unit wara Winston Churchill.

Joe Mifsud Matrenza ma kitibx biss l-istorja tas-Soċjetà imma nsibu diversi kontribuzzjonijiet tiegħu fil-programm tal-festa ta' San Gejtanu li jiġi ppubblikat kull sena. Huwa jikteb dwar diversi suġġetti b'konnessjoni kemm mas-Soċjetà kif ukoll dwar l-arti mużikali, dwar il-festi, dwar iż-żgħażagħ, dwar il-ħtieġa tal-għaqda u temi oħra.

Lejn tmiem din it-taħdita bejni u bejn Joe Mifsud Matrenza ma stajniex ma nsemmux l-ewwel 25 sena tal-Kummissjoni Żgħażagħ Ġużeppini. Huwa qalli kemm kien ferħan biż-żgħażagħ tal-Kummissjoni għax jarahom tant ħabrieka u qalbiena. Huwa jammira ħafna is-sens ta' kreattività tagħhom biex dejjem joħolqu attivitajiet li permezz tagħhom jiġbru fondi għas-Soċjetà imma l-iktar għax b'hekk qed jgħollu l-isem, il-ġieħ u l-unur tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp.

Min-naħa tiegħi inħossni fid-dover, bħala Ġużeppin, li nrodd ħajr kbir lis-Sur Joseph Mifsud Matrenza għall-kontribut daqstant qawwi li dejjem ta lis-Soċjetà. Nixtieqlu iktar għomor biex, sakemm hu f'saħħtu, jkompli jagħti dik it-titwila ta' kuljum fil-każin fejn għandu jħossu kburi b'dak kollu, li flimkien ma' ħaddieħor, wettaq biex is-Soċjetà tagħna dejjem imxiet 'il quddiem.